MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2007

Numru. 429/2007

Il- Pulizija
(Spettur Mario Haber)

-vs-

Maharanna Okubu Haile

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Maharanna Okubu Haile ta’ 40 sena, ta’ nazzjonalita Somali, imwieled is- Somalia fl- 1 ta’ Ottubru, 1966, iben Okubu u Amlasat u detentur ta’ passaport tal- konvenzjoni tat- 28 ta’ Lulju 1951, mahrug f’ Malta bin- numru 00445 u certifikat ta’ l-immigrazzjoni bin- numru 000638AA

Akkuzat talli fil- 5 ta’ Mejju, 2007, u fiz- zminijiet ta’ qabel ghamel falsifikazzjoni, biddel jew ghamel xi tibdil f’ passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li hu jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar tibdil fih. Dan bi ksur tal-artikolu 5 tal- Kapitolu 61 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l- istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu, minn sigilli, timbri jew marki u xjentament, minghajr awtorita’ legittima kellu fil- pussess tieghu passaport li fih iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabix jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl- isem il- Gvern jew ta’ l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk ta’ propjeta pubblika jew privata, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika. Dan bi ksur tal- art. 172(1)(2), 176 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l- istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat, u cioe il- passaport tieghu stess. Dan bi ksur tal- art. 189 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l- istess cirkostanzi, bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta ghamel jew gieghel li jinghata xi prosepett falz, dikkjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill- Ufficjal Principal ital- Immigrazzjoni bi ksur tal- art. 32(1)(C) tal- Kap 217 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l- istess cirkostanzi, iffalsifka dokument jew kopja vera ta’ dokument jew registrazzjoni maghmula skond l- Att ta’ l- Immigrazzjoni u dan bi ksur ta’ l- art. 32(1)(D) tal- Kap. 217 tal- Ligjiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’l-imputat sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat d-dokumenti prezentati.

Rat l-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 172 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 32(1)(C), 32(1)(D) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-verbal ta'l-udjenza mizmuma f'l-14 ta' Mejju 2007 meta l-prosekuzzjoni ikkonfermat li l-fedina penali ta'l-imputat hija netta.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ghalhekk l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti ikkunsidrat l-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu kemm f'l-istqarrija kif ukoll f'aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi l-piena stabbilita ghall-imputazzjonijiet adebiti lill-imputat tikkomporta piena ta' prigunerija pero l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet maghmula li, tenut kont li l-imputat huwa *first time offender* u l-ammisjoni bikrija tieghu, piena karcerarja effettiva mhux indikata f'dan il-kaz. Madanakollu l-Qorti trid tassigura li l-imputat jifhem li l-komportament tieghu kien zbaljat u li jgib certu konsegwenzi.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 172 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 32(1)(C), 32(1)(D) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat Maharanna Okubu Haile hati ta' l-imputazzjonijiet lilu adebiti u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' tlettax il-xahar (13) liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-

Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------